# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 8 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 485/01**

**Numru 33**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Raymond Anastasi u martu Sheryl Anastasi**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u disghin lira (Lm390) rappresentanti import ta' hames (5) kambjali ta' Lm78 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Jannar 2001 sa Mejju 2001, rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 5 konsekuttivament u inklusivament. Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-21 ta' Mejju 2001 jammontaw ghal Lm9, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi kambjalijiet (fol 1B sa 5A tal-atti).

Wara li rat in-nota tas-socjeta attrici tas-26 ta’ Settembru 2001 li biha is-somma mitluba fl-avviz giet ridotta ghal Lm310.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbughalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsuu ma dehru fis-26 ta' Settembru 2001 gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu is-socjeta’ attrici s-somma hekk ridotta ta’ Lm310.00,0 bl-imghax legali ammontanti ghal Lm9 dovut sal-21 ta’ Mejju 2001 u bl-imghax legali ulterjuri mit-22 ta’ Mejju 2001 sad-data tal-pagament effettiv fuq is-somma kif hawn fuq ridotta oltre l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta‘ Marzu 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg